Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1977

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-wajper u tal-washer tal-vetturi bil-mutur

(78/318/KEE)

(ĠU L 81, 28.3.1978, p. 49)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/68/KE tas-16 ta' Diċembru 1994	L 354	1	31.12.1994
►**M2**	Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	709	31.12.2008
►**M3**	Direttiva tal-Kunsill 2013/15/UE tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	172	10.6.2013

Emendata minn:

►**A1**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1977

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-wajper u tal-washer tal-vetturi bil-mutur

(78/318/KEE)

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITÀJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi l-ħtiġiet tekniċi li l-vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jirrigwardaw *inter alia* l-*wipers* u l-*washers* tagħhom;

Billi dawn il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa għalhekk meħtieġ illi l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet meħtieġa jew b'żieda jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([3]), kif emendata bid-Direttiva 78/315/KEE ([4]), tiġi introdotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Billi huwa mixtieq li l-ħtiġiet tekniċi jiġu abbozzati sabiex ikollhom l-istess għan bħal ħidma li qed titwettaq dwar is-suġġett fil-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU;

Billi dawn il-ħtiġiet japplikaw għall-vetturi bil-mutur fil-kategorija M_1 (il-klassifikazzjoni internazzjonali tal-vetturi bil-mutur hija mogħtija f'L-Anness I għad-Direttiva 70/165/KEE);

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jikkonċernaw vetturi bil-mutur tinvolvii r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tal-verifiki li jsiru minn kull wieħed minnhom a bażi tal- ħtiġiet komuni;

Billi s-sistemi tal-*washer* tal-*windscreen* qegħdin diġa' jiġu mqiegħda fis-suq kemm separatament u kemm wara li jiġu installati f'xi vettura; billi jekk huwa possibbli li jiġu vverifikati qabel jiġu installati f'vettura, il-moviment ħieles tagħhom jista' jiġi faċilitat bl-introduzzjoni ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE għal tali sistemi, li huma meqjusa bħala unitajiet tekniċi separati fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 9 a tad-Direttiva 70/156/KEE,

([1]) ĠU C 118, tas-16.5.1977, p. 33.
([2]) ĠU C 114, tal-11.5.1977, p. 8.
([3]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.
([4]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur fil-kategorija M_1 (►**M1** kif definit f'L-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE ◄) maħsuba għall-użu fit-triq, li jkollha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li teċċedi l-25 km/siegħa.

Artikolu 2

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura fir-rigward tas-sistemi tal-*washer* tal-*windscreen* u tal-*wiper* tal-*windscreen*, jew ta' sistema tal-*washer* tal-*windscreen* jekk:

— tali vettura tissodisfa l-ħtiġiet ta' ►**M1** bl-Annessi relevanti ◄ rigward is-sistemi tal-*washer* tal-*windscreen* u tal-*wiper* tal-windscreen,

— tali sistema ta' *washer* tal-*windscreen* meqjusa bħala unità teknika separata fi ħdan ►**M1** fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE ◄ tissodisfa l-ħtiġiet stipulati fl-Anness I,

— tali vettura hija mgħammra b'sistema tal-*washer* tal-*windscreen* li tkun ingħatat approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika separata fi ħdan ►**M1** fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE ◄ u li ġiet installata skond il-ħtiġiet stipulati f'6.2.5 ta' l-Anness I.

Artikolu 3

1. L-ebda Stat membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' xi vettura għal raġunijiet li jirrigwardaw:

— is-sistemi tal-*wiper* tal-*windscreen* u tal-*washer* tal-*windscreen* tagħha, jekk dawn jissodisfaw il-ħtiġiet stipulati ►**M1** l-Annessi relevanti ◄,

— is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* tagħha jekk tkun ingħatat approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika separata fi ħdan ►**M1** fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE ◄ u tkun ġiet installata skond il-ħtiġiet stipulati f'6.2.5 ta'L-Anness I.

2. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' xi sistema tal-*washer* tal-*windscreen* meqjusa bħala unità teknika separata fi ħdan ►**M1** fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE ◄ jekk tkun tikkonforma ma' tip li jkun ingħata approvazzjoni tat-tip fi ħdan it-tifsira tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2.

Artikolu 4

L-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li jkun informat bi kwalunkwe modifika ta' xi parti jew xi karatteristika msemmija f' ►**M1** 2.1. ◄ ta' l-Anness I. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jiddeterminaw jekk hux neċessarju li jitwettqu testijiet oħra fuq it-tip ta' vettura modifikat u li jiġi ppreparat rapport ġdid. Jekk dawn it-testijiet juru li l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma kienux sodisfatti, il-modifika ma għandhix tiġi awtorizzata.

▼B

Artikolu 5

Kwalunkwe emendi meħtieġa biex jiġu adattati il-ħtiġiet tal-Annessi għall-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Madankollu, din il-proċedura m'għandhiex tapplika għall-emendi li jintroduċu ħtiġiet għas-sistemi ta' *wiper* u ta' *washer* minbarra dawk għall-*windscreen*.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar minn notifika tagħha u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi t-test tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali illi jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

LISTA TA' L-ANNESSI

Anness I: ►M1 Kamp ta' applikazzjoni, definizzjonijiet, applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, l-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, speċifikazzjonijiet, proċeduri tat-test, marki, emendi għall-approvazzjonijiet, konformità tal-produzzjoni ◄ ►M1 ——————— ◄

Anness II: Proċedura biex jiġi ddeterminat il-punt H u l-angolu attwali tad-dahar tas-sedil u biex jiġu verifikati l-pożizzjonijiet relattivi tal-punti R u H u r-relazzjoni bejn l-angolu tad-dahar tas-sedil fuq id-disinn u l-angolu attwali tad-dahar tas-sedil ►M1 ——————— ◄

Anness III: Metodu biex tiġi ddeterminata r-relazzjoni dimensjonali bejn il-marki tar-referenza ewlenin tal-vettura u l-gradilja tar-referenza tridimensjonali ►M1 ——————— ◄

Anness IV: Proċedura biex jiġu ddeterminati ż-żoni tal-vista fuq *windscreens* ta' vetturi tal-kategorija M_1 f' relazzjoni mal-punti V ►M1 ——————— ◄

Anness V: L-ispeċifikazzjoni tat-taħlita tat-test għat-testijiet tas-sistema tal-*wiper* tal-*windscreen* u tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen*.

Anness VI: ►M1 Dokument ta' informazzjoni (vettura) ◄

Anness VII: ►M1 Dokument ta' informazzjoni (unità teknika separata) ◄

▼M1

Anness VIII: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip (Vettura)

Anness IX: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip (Unità teknika separata)

———————

▼B

ANNESS I

▼M1

KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONIJIET, APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE, SPEĊIFIKAZZJONIJIET, PROĊEDURA TAT-TEST, MARKI, EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET, KONFORMIT' TAL-PRODUZZJONI

▼B

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. Din id-Direttiva tapplika għall-kamp viżiv ta' quddiem ta' 180º tas-sewwieqa tal-vetturi fil-kategorija M_1.

1.1.1. L-iskop tagħha huwa li tiżgura viżibilità tajba f'kondizzjonijiet tat-temp ħżiena billi tispeċifika l-ħtiġiet għas-sistemi tal-*wiper* tal-*windscreen* tal-*washer* tal-*windscreen* tal-vetturi tal-kategorija M_1.

1.1.2. Il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva huma miktuba b'tali mod illi japplikaw għall-vetturi li jaqgħu taħt kategorija M_1 illi fihom is-sewwieq ikun fuq ix-xellug. Għall-vetturi ta' kategorija M_1 illi fihom is-sewwieq ikun fuq il-lemin, dawn il-ħtiġiet għandhom jiġu applikati billi jinqalbu l-kriterji fejn huwa xieraq.

2. DEFINIZZJONIJIET

▼M1

_____

▼B

►M1 2.1. ◄ **Tip ta' vettura fir-rigward tas-sistemi tal-wipertal-windscreenu tal-washertal-windscreentagħha**

"It-tip tal vettura fir-rigward tas-sistemi tal-*wiper* tal-*windscreen* u tal-*washer* tal-*windscreen* tagħha" tfisser vetturi illi ma jvarjawx bejniethom f'aspetti essenzjali bħal:

►M1 2.1.1. ◄ il-forom esterni u interni tagħhom u l-arranġamenti fiż-żona speċifikata f'Sezzjoni 1 illi tista' taffettwa l-viżibilità;

▼M1

2.1.2. il-forma u d-dimensjonijiet tal-*windscreen* u l-immuntar tiegħu fejn dawn aktarx jaffettwaw ż-żoni viżivi koperti bl-Anness IV;

▼B

►M1 2.1.3. ◄ il-karatteristiċi tas-sistemi tal-*wiper* tal-*windscreen* u tal-*washer* tal-*windscreen.*

►M1 2.2. ◄ **Gradilja ta' referenza tri-dimensjonali**

"Gradilja ta' referenza tridimensjonali" tfisser sistema ta' referenza li tikkonsisti fi pjan vertikali longitudinali X-Z, pjan orizzontali X-Y u pjan vertikali transvers Y-Z (ara figura 2 ta' l-Anness III). Il-gradilja hija użata sabiex tiddetermina r-relazzjonijiet dimensjonali bejn il-pożizzjonijiet tal-punti taddisinn fuq l-iskizzijiet u l-pożizzjoni tagħhom fuq il-vettura attwali. Il-proċedura biex tiġi lokalizzata l-vettura fir-rispett tal-gradilja hija speċifikata fl-Anness III; il-koordinati kollha referuti għal livell żero għandhom jiġu bbażati fuq vettura f'kondizzjoni ta' sewqan (kif definit fi 2.6 ta' l-Anness I għad-Direttiva 70/156/KEE) b' passiġġier wieħed fis-sedil ta'quddiem, bil-massa tal-passiġġier tkun 75 kg ± 1 %.

►M1 2.2.1. ◄ Vetturi mgħammra b'sospensjoni li tkun tista' taġġusta l-ispazju minn ma' l-art għandhom jiġu ttestjati taħt il-kondizzjonijiet normali tal-użu speċifikati mill-manifattur.

▼B

►M1 2.3. ◄ **Marki ewlenin ta' referenza**

"Marki ewlenin ta' referenza" tfisser toqob, superfiċi, marki u sinjali tal-identifikazzjoni fuq il-karozzerija tal-vettura. It-tip ta' marka ta' referenza użata u l-pożizzjoni ta' kull marka relattiva għall-koordinati X, Y u Z tal-gradilja tridimensjonali ta' referenza u għall-pjan terran tad-disinn għandhom jiġu speċifikati mill-manifattur tal-vettura. Dawn il-marki jistgħu ikunu l-punti tal-kontroll użati għar-raġunijiet ta' immontar tal-karrozzerija.

▼M1

_____

▼B

►M1 2.4. ◄ **Angolu attwali tad- ►M1 torso ◄**

(Ara l-Anness II).

►M1 2.5. ◄ **Angolu tad- ►M1 torso ◄ fid-disinn**

(Ara l-Anness II).

►M1 2.6. ◄ **Punti V**

"Punti V" tfisser punti illi l-pożizzjoni tagħhom fil-kompartiment tal-passiġġier hija determinata mill-pjani vertikali longitudinali li jgħaddu miċ-ċentri tal-posizzjonijiet ta' tpoġġija esterjuri nett disinjati fuq is-sedili ta' quddiem u f'relazzjoni ma' punt R u l-angolu tad-disinn tad-dahar tas-sedil, liema punti jintużaw biex jiġi verifikat konformità mal-ħtiġiet tal-kamp viżiv (ara l-Anness IV).

►M1 2.7. ◄ **Punt R jew il-punt tar-referenza ta' tpoġġija bil-qiegħda**

(Ara l-Anness II).

►M1 2.8. ◄ **Punt H**

(Ara l-Anness II).

►M1 2.9. ◄ **Il-punti datum tal-*windscreen***

"Il-punti datum tal-*windscreen*" tfisser il-punti lokalizzati fl-intersezzjoni mal-*windscreen ta'* linji li jirradjaw 'il quddiem mill-punti V għas-superfiċi esterjuri tal-*windscreen*.

►M1 2.10. ◄ **Żona trasparenti ta'*windscreen***

"Żona trasparenti ta' *windscreen*" tfisser dik iż-żona tal-*windscreen* ta' vettura jew superfiċi oħra tal-ħġieġ illi t-trasmissjoni tad-dawl tagħha, imkejla f'angolu skwerra mas-superfiċi l-wiċċ, ma tkunx inqas minn 70 %.

►M1 2.11. ◄ **Medda tal-aġġustament orizzontali tas-sedil**

"Medda tal-aġġustament orizzontali tas-sedil" tfisser il-medda ta' pożizzjonijiet normali tas-sewqan dežinjati mill-manifattur tal-vettura għall-aġġustament tas-sedil tas-sewwieq fid-direzzjoni tal-assi X (ara 2.3).

►M1 2.12. ◄ **Medda tal-aġġustament tas-sedil estiża**

"Medda tal-aġġustament tas-sedil estiża" tfisser il-medda dežinjata mill-manifattur tal-vettura għall-aġġustament tas-sedil fid-direzzjoni tal-assi X (ara 2.3) lil hinn mid-distanza dal-pożizzjonijiet normali tas-sewqan speċifikati fi 2.13 u wżati biex jikkonvertu s-sedili f'sodod jew biex jiffaċilitaw id-dħul fil-vettura.

►M1 2.13. ◄ **Is-sistema tal-*wiper*tal-*windscreen***

"Is-sistema tal-*wiper* tal-*windscreen*" tfisser is-sistema li tikkonsisti f'mezz biex jimsaħ is-superfiċi esterjuri tal-*windscreen*, flimkien mal-aċċessorji u l-kontrolli neċessarji biex jinxteġel u jitwaqqaf il-mezz.

▼B

►M1 2.14. ◄ **Iż-żona tal-*wiper*tal-*windscreen***

"Iż-żona tal-*wiper* tal-*windscreen*" tfisser iż-żona tas-superfiċi esterjuri ta' *windscreen* imxarrab illi jiġi mimsuħ mill-*wiper* tal-*windscreen*.

►M1 2.15. ◄ **Is-sistema tal-*washer*tal-*windscreen***

"Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen*" tfisser is-sistema li tikkonsisti f'mezz biex jaħżen fluwidu u japplikah mas-superfiċi esterjuri tal-*windscreen*, flimkien mal-kontrolli neċessarji biex jinxteġħel u jitwaqqaf il-mezz.

►M1 2.16. ◄ **Il-kontroll tal-*washer*tal-*windscreen***

"Il-kontroll tal-*washer* tal-*windscreen*" tfisser mezz jew aċċessorju sabiex tinxteġħel jew titwaqqaf is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen*. Ix-xegħil u t-twaqqif jistgħu ikunu koordinati mat-tħaddim tal-*wiper* tal-*windscreen* jew ikunu totalment indipendenti minnu.

►M1 2.17. ◄ **Il-pompa tal-*washer*tal-*windscreen***

"Il-pompa tal-*washer* tal-*windscreen*" tfisser mezz li jittrasferixxi il-fluwidu tal-*windscreenwasher* mill-ħażna sas-superfiċi esterjuri tal-*windscreen*.

▼M1

2.18. **Nozzle**

"*Nozzle*" tfisser mezz li jservi biex jidderieġi l-likwidu tal-*washer* tal-*windscreen* għal fuq il-*windscreen*.

▼B

►M1 2.19. ◄ **Prestazzjoni tas-sistema tal-*washer*tal-*windscreen***

"Prestazzjoni tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen*" tfisser il-kapaċità tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* biex tapplika fluwidu fuq iż-żona immirata tal-*windscreen* mingħajr tnixxija jew skonnettjar ta' tubu tas-sistema tal-*washer* meta s-sistema tkun użata b'mod normali.

3. APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

3.1 **L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għal tip ta' vettura fir-rigward tas-sistemi tal-*wiper*tal-*windscreen*u tal-*washer*tal-*windscreen*tagħha**

▼M1

3.1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' vettura fir-rigward tass-sistema tal-*wiper* u tal-*washer* tal-*windscreen* tagħha għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.

3.1.2. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni huwa muri fl-Anness VI:

_____

▼B

►M1 3.1.3. ◄ Vettura li tirrappreżenta t-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata għandha tiġi sottomessa lis-servizz tekniku li jkun qed iwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip.

3.2. **L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għal tip ta' sistema tal-*washer* tal-*windscreen* bħala unità teknika separata**

▼M1

3.2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għal tip ta' sistema tal-*wiper* u tal-*washer* tal-*windscreen* għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.

3.2.2. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni huwa muri fl'L-Anness VII:

———————

3.2.3. Kampjun wieħed tat-tip ta' sistema li għandha tiġi approvata għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettieq tat-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip. Is-servizz tekniku jista', jekk ikun meħtieġ, jitlob kampjun ieħor. Il-kampjuni għandhom ikollhom b'modkjarament leġibbli u b'manjiera indelibbli l-isem kummerċjali jew it-*trade-mark* ta' l-applikant u l-identifikazzjoni tat-tip.

4. GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

4.1 Jekk il-ħtiġiet relevanti huma sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE skond l-L-Artikolu 4(3) u 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

———————

4.2. Mudell taċ-ċertifikat ta' apptovazzjoni tat-tip tal-KEE huwa muri fi:

4.2.1. L-Anness VIII għal applikazzjonijiet imsemmija fi 3.1;

4.2.2. L-Anness IX għal applikazzjonijiet imsemmija fi 3.2

4.3. Numru ta' approvazzjoni skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għandu jiġi assenjat għal kull tip ta' vettura jew sistema ta' *washer* tal-*windscreen* approvata. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura jew sistema tal-*washer* tal-*windscreen*.

———————

▼B

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

5.1. **Is-sistema tal-*wiper*tal-*windscreen***

5.1.1. Kull vettura għandha tkun mgħammra b'mill-inqas *wiper* waħda tal-*windscreen* awtomatika, jiġifieri sistema illi meta il-magna tal-vettura tkun qiegħda taħdem tkun kapaċi tiffunzjona mingħajr l-ebda azzjoni min-naħa tas-sewwieq ħlief għal dik meħtieġa biex tinxtgħel u titwaqqaf il-*wiper* tal-*windscreen*.

5.1.2. Iż-żona tal-*wiper* tal-*windscreen* għandha tkopri mhux anqas minn 80 % taż-żona tal-vista B kif mfissra fi 2.3 ta' l-Anness IV.

5.1.2.1. Barra minn dan iż-żona tal-*wiper* tal-*windscreen* għandha tkopri mhux anqas minn 98 % taż-żona tal-vista A kif mfissra fi 2.2 ta' l-Anness IV.

5.1.3. Il-*wiper* tal-*windscreen* għandu jkollha mill-inqas żewġ frekwenzi ta'mesħiet:

5.1.3.1. Waħda ta' mhux anqas minn 45 ċikli/minuta (ċiklu meqjus bħala moviment 'il quddiem u lura tal-*wiper* tal-*windscreen*);

5.1.3.2. Waħda ta' mhux anqas minn 10 u mhux aktar minn 55 ċikli/-minuta.

5.1.3.3. Id-differenza bejn l-ogħla u l-anqas frekwenza ta' mesħiet għandha tkun ta' l-inqas 15-il ċiklu/minuta.

▼M1

5.1.4. il-frekwenzi msemmija fil-punt 5.1.3 għandhom jinkisbu kif imniżżel fil-punti 6.1.1 sa' 6.1.6 u 6.1.8.

▼B

5.1.5. Sistemi ta' *wipers* tal-*windscreen* bi tħaddim intermittenti jistgħu jintużaw għall-finijiet ta' aderenza mal-ħtiġiet ta' 5.1.3, sakemm waħda mill-frekwenzi tikkonforma tal-ħtiġiet

▼B

meħtieġa ta' 5.1.3.1 u sakemm waħda mill-frekwenzi l-oħra miksuba meta l-frekwenza ewlenija tkun interrotta ma tkunx anqas minn 10 ċikli/minuta.

5.1.6. Meta s-sistema tal-*wiper* tal-*windscreen* titwaqqaf permezz tal-użu tal-kontroll tal-*wiper* tal-*windscreen*, il-*blades* għandhom jirritornaw awtomatikament għall-pożizzjoni tat-twaqqif.

▼M1

5.1.7. Is-sistema għandha tkun kapaċi żżomm id-dewmien għal 15-il sekonda. L-użu ta' mezzi protettivi taċ-ċirkwit awtomatiċi huwa permess, basta li sabiex jerġa jiġi ssettjat ma hija meħtieġa l-ebda azzjoni fuq il-kontrolli minbarra dik tal-kontroll tal-*wiper* tal-*windscreen*. Il-proċedura u l-kondizzjonijiet tat-test huma deskritti fil-punt 6.1.7.

▼B

5.1.8. Iż-żona tal-*wiper* tal-*windscreen* għandha tissodisfa l-ħtiġiet minimi ta' 5.1.2 meta l-*wipers* jiġu eżaminati fuq frekwenza ta' mesħiet li tikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' 5.1.3.2 taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'6.1.10.

5.1.9. L-effetti aerodinamiċi assoċjati mad-daqs u l-forma tal-*windscreen*, u l-effiċjenza tas-sistema tal-*wiper* tal-*windscreen*, għandhom jiġu determinati skond is-segwenti kondizzjonijiet:

▼M1

5.1.9.1. Meta suġġett għall-velocità tal-arja relattiva ekwivalenti għal 80 % tal-velocita' massima tal-vettura, imma lii ma taqbiżx il-160 km/siegħa, is-sistemi tal-*wiper* tal-*windscreen*, li jaħdmu fi frekwenza massima, għandhom jibqgħu ikopru ż-żona kif speċifikat fil-punt 5.1.2.1 bl-istess effiċjenza u taħt l-istess kondizzjonijiet kif imsemmija fil-punt 6.1.10.2.

▼B

5.1.10. Il-montaġġ tal-qasba tal-*wiper* għandha tippermetti l-qasba tal-*wiper* li tiġi spustjata mill-pożizzjoni tagħha fuq il-*windscreen* sabiex tippermetti li l-*windscreen* jiġi mnaddaf manwalment. ►**M1** Din il-ħtieġa ma tapplikax għal mezzi li, meta pparkeġġjati, jkunu f'parti mill-windscreen li hija moħbija mill-vista b'partijiet tal-vettura (bħall-*bonnet*, *panel* ta' l'instrumenti, eċċ…). ◄

5.1.11. Is-sistema tal-*wiper* tal-*windscreen* għandha tkun kapaċi li topera għal żewġ minuti fuq *windscreen* xott bit-temperatura ta' barra ta' - 18 ± 3 °C taħt il-kondizzjonijiet speċifikati f'6.1.11.

5.2. **Is-sistema tal-*washer*tal-*windscreen***

5.2.1. Kull vettura għandha tkun mgħammra b'sistema tal-*washer* tal-*windscreen* illi tkun kapaċi tirreżisti l-pressa prodotta meta n-*nozzles* ikunu mqabbda u s-sistema tkun attwata skond il-proċedura stipulata f'6.2.1 u 6.2.2.

▼M1

5.2.2. Il-prestazzjoni tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* m'għandhiex tiġi negattivament affettwata bl-espożiżżjoni għaċ-ċikli tat-temperatura stipulati fil-punti 6.2.3 u 6.2.4.

▼B

5.2.3. Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha tkun kapaċi li titfa' biżżejjed likwidu biex tnaddaf 60 % taż-żona definita f'2.2 ta' l-Anness IV taħt il-kondizzjonijiet deskritti f'6.2.5 ta' dan l-Anness.

5.2.4. Il-kapaċità tat-tank fejn jinħażen il-likwidu għandha tkun ta' mhux anqas minn litru.

▼B

6. IL-PROĊEDURA TAT-TEST

6.1. **Is-sistema tal-*wiper*tal-*windscreen***

6.1.1. It-testijiet deskritti hawn taħt għandhom isiru skond is-segwenti kondizzjonijiet, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor:

6.1.2. It-temperatura ta' l-ambjent ta' madwar m'għandhiex tkun ta' anqas minn 10 °C jew ta' aktar minn 40 °C;

6.1.3. Il-*windscreen* għandu jinżamm imxarrab il-ħin kollu;

6.1.4. fil-każ ta' sistema tal *wiper* tal-*windscreen* elettrika is-segwenti kondizzjonijiet addizzjonali għandhom jiġu sodisfatti:

6.1.4.1. il-batterija għandha tkun iċċarġjata kompletament;

6.1.4.2. il-magna għandha tkun qed taħdem bi 30 % tal-veloċità illi fiha tiżviluppa l-qawwa massima;

6.1.4.3. il-*headlamps* b'raġġ *dipped* għandhom ikunu mixgħula;

6.1.4.4. is-sistemi ta' tisħin u/jew tal-ventilazzjoni, jekk ikunu installati, għandhom ikunu qed joperaw bil-konsum massimu tal-elettriku;

6.1.4.5. is-sistemi li jneħħu s-silġ u/jew tat-tneħħija tat-titpin, jekk ikunu nstallati, għandhom ikunu qed joperaw bil-konsum massimu tal-elettriku;

6.1.5. Sistemi tal-*wiper* tal-*windscreen* li jitħaddmu permezz ta' arja kompressata jew permezz ta' vakwu għandhom ikunu kapaċi li jiffunzjonaw kontinwament fil-frekwenzi tal-mesħiet stipulati tkun xi tkun il-veloċità tal-magna jew tagħbija tal-magna.

6.1.6. Il-frekwenzi tal-mesħiet tas-sistemi tal-*wiper* tal-*windscreen* għandhom ikunu konformi mal-ħtiġiet ta' 5.1.3 wara perjodu ta' operazzjoni preliminarju ta' 20 minuta fuq superfiċi imxarrab.

6.1.7. Il-ħtiġiet ta' 5.1.7 għandhom jiġu sodisfatti meta l-qasab tal-*wiper* ikunu mġiegħla joqogħdu fil-pożizzjoni vertikali tagħhom għal perjodu ta' 15-il sekonda bil-kontroll tal-*wiper* tal-*windscreen* issettjat fuq il-frekwenza massima tal-mesħiet.

6.1.8. Is-superfiċi esterjuri tal-*windscreen* għandu jkun imnaddaf minn żjut permezz ta' methylated spirit jew prodott ekwivalenti sgrassanti. Wara li jinxef għandha tiġi applikata soluzzjoni ta' ammonia ta' mhux anqas minn 3 % u mhux aktar minn 10 %. Is-superfiċi għandha titħalla tinxef għal darba oħra imbagħad tintmesaħ b'ċarruta niexfa tal-qoton.

6.1.9. Kisja tat-taħlita tat-test (ara l-Anness V) għandha tiġi applikata b'mod uniformi fuq is-superfiċi esterna tal-*windscreen* u titħalla tinxef.

6.1.10. Għall-iskop tal-kejl taż-żona tas-sistema tal-*wiper* tal-*windscreen*, stipulata f'5.1.2 u 5.1.2.1, is-superfiċi esterjuri tal-*windscreen* għandha tiġi ttrattata kif indikat f'6.2.8 u f'6.1.9 jew b'xi metodu ieħor ekwivalenti.

▼B

6.1.10.1. Għandha ssir traċċa taż-żona tal-*wiper* tal-*windscreen* u tiġi mqabbla ma' traċċa taż-żoni tal-vista speċifikati f'5.1.2 u 5.1.2.1 sabiex jiġi verifikat illi l-ħtiġiet huma sodisfatti.

▼M1

6.1.10.2. Fejn il-faċċata ta' barra tal-*windscreen* tkun ġiet ippreparata kif deskritt fil-punti 6.1.8 u 6.1.9 il-*washer* tal-*windscreen* jista' jintuża fit-testijiet kollha.

▼B

6.1.11. Il-ħtiġiet ta' 5.1.11 għandhom jintlaħqu wara li l-vettura tkun ilha f'temperatura ambjentali ta' - 18 ± 3 °C għal minimu ta' erba' sigħat. Is-sistema tal-*wiper* tal-*windscreen* għandha tkun regolata biex topera skond il-kondizzjonijiet stipulati f'6.1.4 bil-kontroll fil-pożizzjoni tal-frekwenza massima. Ma hemm l-ebda ħtiġiet fir-rigward taż-żona mimsuħa.

6.2. **Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen***

Il-kondizzjonijiet tat-test

6.2.1. *Test Nru. 1*

6.2.1.1. Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha tintmela bl-ilma, kompletament inneskata, u mqegħda f'temperatura ambjentali ta' 20 ± 2 °C għal minimu ta' erba' sigħat. In-*nozzles* kollha għandhom jiġu konnettjati u l-kontroll tal-*windscreen-washer* jitħaddem sitt darbiet f'minuta, kull darba mill-inqas għal tliet sekondi. Jekk is-sistema tkun mħaddma bl-enerġija muskolari tas-sewwieq, il-forza applikata għandha tkun dik murija fit-tabella li ġejja:

Tip ta' pompa	Forza li għandha tiġi applikata
id	11 sa 13.5 daN
sieq	40 sa 44.5 daN

6.2.1.2. Għall-pompi tal-elettriku, il-vultaġġ tat-test għandu jkun ta' mhux anqas mill-vultaġġ iffissar mingħajr ma jeċċediħ b'iktar minn żewġ volts.

6.2.1.3. Il-prestazzjoni tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* fi tmiem it-test għandha tkun kif imfissra fi 2.21.

6.2.2. *Test Nru. 2*

Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha timtela bl-ilma, kompletament inneskata, u mqegħda f'temperatura ambjentali ta' -18 ± 3 °C għal minimu ta' erba' siegħat. Il-kontroll tal-*windscreen-washer* għandu jiġi mħaddem sitt darbiet f'minuta, kull darba għal mill-inqas tliet sekondi, waqt li tintuża l-forza stipulata f'6.2.1. Is-sistema għandha imbagħad titqiegħed f'temperatura ambjentali ta' 20 ± 2 °C sakemm is-silġ ikun inħall kompletament. Il-prestazzjoni tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha imbagħad tiġi verifikata billi titħaddem kif stipulat f'6.2.1.

6.2.3. *Test Nru 3* (Test tal-espożizzjoni għal temperatura baxxa)

6.2.3.1. Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha tiġi mimlija bl-ilma, inneskata kompletament, u mqegħda f'temperatura ambjentali ta' -18 ± 3 °C għal minimu ta' erba' sigħat sabiex il-massa totali tal-ilma fis-sistema tal-*washer* tiffriża. ►**M1** Is-sistema għandha sussegwentement titqiegħed f'temperatura ambjentali ta' 20 ± 2 C sakemm is-silġ idub kompletament, imma fl-ebda każ għal aktar minn erba' sigħat. ◄

▼B

6.2.3.2. Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha tiġi mimlija u inneskata kompletament bi fluwidu għall-*washer* tal-*windscreen* f'temperatura baxxa li jikkonsisti f'soluzzjoni ta'50 % ta' methanol, jew alternattivament alkoħol isopropilu, f'ilma ta' ebusija ta' mhux aktar minn 205 g/tunnellata.

6.2.3.2.1. Is-sistema għandha titqiegħed f'temperatura ambjentali ta' - 18 ± 3 °C għal minimu ta' erba' sigħat. Il-prestazzjoni tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha imbagħad tiġi verifikata billi titħaddem kif stipulat f'6.2.1.

6.2.4. Test Nru 4 (Test tal-espożizzjoni għal temperatura għolja)

6.2.4.1. Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha tiġi mimlija bl-ilma, inneskata kompletment, u mqegħda f'temperatura ambjentali ta' 80 ± 3 °C għal minimu ta' tmien sigħat u imbagħad f'temperatura ambjentali ta'20 ± 2 °C. Meta t-temperatura tkun stabbiliżżat ruħha, il-prestazzjoni tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha tiġi verifikata billi titħaddem kif stipulat f'6.2.1.

6.2.4.2. Jekk parti mis-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* tkun lokalizzata fil-kompartiment tal-magna, is-sistema għandha tiġi mimlija bl-ilma, kompletament inneskata, u mqegħda f'temperatura ambjentali ta' 80 ± 3 °C għall-ħin minimu ta' tmien siegħat. Il-prestazzjoni tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha imbagħad tiġi verifikata billi titħaddem kif stipulat f'6.2.1.

6.2.4.3. Jekk l-ebda parti mis-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* ma tkun lokalizzata fil-kompartiment tal-magna, is-sistema għandha timtela bl-ilma, kompletament inneskata, u mqegħda f'temperatura ambjentali ta' 60 ± 3 °C għal minimu ta' tmien siegħat. Il-prestazzjoni tas-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha imbagħad tiġi verifikata billi titħaddem kif stipulat f'6.2.1.

6.2.5. Test Nru 5 (Test tal-kapaċità tas-sistema tal-*washer*tal-*windscreen*stipulata f'5.2.3)

6.2.5.1. Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha tkun mimlija bl-ilma u kompletament inneskata. ►M1 Bil-vettura wieqfa u mingħajr ebda effett sinifikanti ta' riħ, in-*nozzle* jew *nozzles* tal-*washer*, jekk jistgħu jiġu aġġustati, għandhom jiġu ppuntati lejn il-żona immirata fuq il-faċċata ta' barra tal-*windscreen*. ◄

6.2.5.2. s-superfiċi esterna tal-*windscreen* għandha tiġi ttrattata kif stipulat f'6.1.8 u 6.1.9.

6.2.5.3. Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* għandha imbagħad titħaddem skond kif indikat mill-manifattur għal 10 ċikli ta' operazzjoni awtomatika tas-sistema tal-*wiper* tal-*windscreen* bi frekwenza massima u l-proporzjon taż-żona tal-vista imfissra f'2.2 ta' l-Anness IV illi tiġi mnaddfa għandha mbagħad titkejjel.

6.3. It-testijiet kollha tal-*windscreen-washer* deskritti f'6.2.1 sa 6.2.4 għandhom jitwettqu unikament fuq l-istess sistema tal-*washer* tal-*windscreen*, jew imwaħħla ma' vettura illi għaliha tkun intalbet l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, jew mhux imwaħħla ma' vettura, fil-każ ta' sistema illi għaliha tkun intalbet approvazzjoni tat-tip tal-KEE bħala unità teknika separata.

▼M1

7. MARKI

7.1. Kull sistema tal-*washer* tal-*windscreen* li tikkonforma mat-tip approvat taħt din id-Direttiva bħala unità teknika separata għandu jkollha marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE.

▼M1

7.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f' rettangolu li jiċċirkonda l-ittra "e" segwita bin-numru jew bl-ittri li jiddistingwu l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat -tip:

1 għall-Ġermanja,

2 għal Franza,

3 għall-Italja,

4 għall-Olanda,

6 għall-Belġju,

▼A1

7 għall-Ungerija,

8 għar-Repubblika Ċeka,

▼M1

9 għal Spanja,

11 għall-Ingilterra,

13 għall-Lussemmburgu,

18 għad-Danimarka,

▼M2

19 għar-Rumanija,

▼A1

20 għall-Polonja,

▼M1

21 għall-Portugal,

23 għall-Greċja,

▼M3

25 għall-Kroazja,

▼A1

26 għas-Slovenja,

27 għas-Slovakkja,

29 għall-Estonja,

32 għal-Latvja,

▼M2

34 għall-Bulgarija,

▼A1

36 għal-Litwanja,

CY għal-Ċipru,

▼M1

IRL għall-Irlanda,

▼A1

MT għal-Malta.

▼M1

Din għandha tinkludi wkoll fil-viċinanza tar-rettangolu "in-numru ta' approvazzjoni tal-bażi'' kontenut fis-sezzjoni 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip msemmi fl'L-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut miż-żewġ figuri li jindikaw in-numru tas-sekwenza assenjat lill-emenda teknika maġġuri l-iżjed riċenti għad-Direttiva 78/318/KEE fid-data li ingħatat l-approvazzjoni ta t-tip tal-KEE. F'din id- Direttiva in-numru tas-sekwenza huwa 00,

▼**M1**


7.3.	Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għandha titwaħħal fuq il-kontenitur tal-likwidu tal-*washer* tal-*windscreen* b'mod illi tkun indelibbli u kjarament leġibbli anke jekk il-mezz jitwaħħal mal-vettura.
7.4.	Eżempju tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE huwa muri fl-Appendici.
8.	MODIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET
8.1.	Fil-każ ta' modifikazzjonijiet tat-tip approvat skond din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l- L-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.
9.	KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
9.1.	Għandhom jittieħdu miżuri biex tiġi assigurata l-konformità tal-produzzjoni skond id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

_____

▼**M1**

Appendiċi

MUDELL GĦALL-MARKA TA' l-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE



Is-sistema tal-*washer* tal-*windscreen* li għandha l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta ' hawn fuq huwa mezz li ġie approvat fi Spanja (e 9) taħt in-numru approvat tal-bażi 0148 abbażi ta' din id-Direttiva. Il-figuri użati huma biss indikattivi.

▼B

ANNESS II

PROĊEDURA BIEX JIĠI DDETERMINAT IL-PUNT H U L-ANGOLU ATTWALI TAD-DAHAR TAS-SEDIL U BIEX JIĠU VERIFIKATI L-POŻIZZJONIJIET RELATTIVI TAL-PUNTI R U H U R-RELAZZJONI BEJN L-ANGOLU TAD-DAHAR TAS-SEDIL FUQ ID-DISINN U L-ANGOLU ATTWALI TAD-DAHAR TAS-SEDIL

▼M1

L-Anness III għad-Direttiva tal-Kunsill 77/649/KEE għandu japplika.

▼B

ANNESS III

METODU BIEX JIĠU DETERMINATA R-RELAZZJONIJIET DIMENSJONALI BEJN IL-MARKI TAR-REFERENZA EWLENIN TAL-VETTURA U L-GRADILJA TAR-REFERENZA TRIDIMENSJONALI

1. RELAZZJONI BEJN IL-GRADILJA TAR-REFERENZA U L-MARKI TAR-REFERENZA EWLENIN TAL-VETTURA.

   Sabiex jiġu verifikati dimensjonijiet speċifiċi fuq jew fi ħdan vettura sottomessa għall-approvazzjoni tat-tip skond din id-Direttiva, ir-relazzjoni bejn il-koordinati tal-gradilja tar-referenza tri-dimensjonali imfissra fi 2.3 ta' l-Anness I, illi tinħareġ fl-istadji bikrija ta' l-iddinsinjar tal-vettura, u l-pożizzjonijiet tal-marki tar-referenza ewlenin kif mfissra fi 2.4 ta' l-Anness I, għandhom jiġu stabbiliti preċiżament sabiex il-punti speċifiċi fuq id-disinji tal-manifatturar tal-vettura ikunu jistgħu jiġu lokalizzati fuq il-vettura attwali prodotta minn dawk id-disinji.

2. METODU BIEX TIĠI STABBILITA R-RELAZZJONI TAL-GRADILJA TAR- REFERENZA U L-MARKI TAR-REFERENZA.

   Għal dan il-għan, għandu jinbena pjan terran tar-referenza, illi jkun immarkat bil-kejl X-X u bil-kejl Y-Y. Il-metodu biex isir dan huwa stipulat fil-figura 3 ta' dan l-Anness, il-pjan tar-referenza ikun superfiċi iebes, ċatt u nvell fuq liema tkun wieqfa l-vettura, u li jkollhu żewġ skali ta' kejl meħmuża sew mas-superfiċi tiegħu; dawn ikunu gradwati bil-millimetri, l-iskala X-X ma tkunx ta' tul anqas minn 8m, u l-iskala Y-Y mhux anqas minn 4m. Iż-żewġ skali għandhom jiġu arranġati fi skwerra ma' xulxin kif muri fil-figura 3 ta' dan l-Anness. L-intersezzjoni tal-iskali ikun terran żero.

3. EŻAMINAZZJONI TAL-PJAN TAR-REFERENZA

   Sabiex jinħaseb għal varjazzjonijiet minuri fil-livell tal-pjan tar-referenza jew iż-żona tat-test, huwa neċessarju li jitkejlu d-devjazzjonijiet mit-terran żero matul iż-żewġ skali X u Y f'intervalli ta' 250 mm u biex jiġi reġistrat il-kejl miksub ħalli jkunu jistgħu isiru korrezzjonijiet waqt li l-vettura tkun qiegħda tiġi ċċekkjata.

4. L-ATTITUDNI ATTWALI TAT-TEST

   Sabiex jiġi provdut għal tibdil minuri fl-għoli tas-sospensjoni, etc, huwa neċessarju li jkun provdut mezz biex jinġiebu l-marki tar-referenza primarji biex jiġu kkoreġuti l-pożizzjonijiet tal-koordinati relattivi għall-attitudni tad-disinji qabel jittieħdu miżuri ulterjuri. Barra minn dan, għandu jkun possibbli li jsir aġġustament laterali u/jew lonġitudinali minuri għall-pożizzjoni tal-vettura sabiex titpoġġa korrettament f'relazzjoni mal-gradilja tar-referenza.


5. RIŻULTATI

   Meta l-vettura tkun mqegħda korrettament f'relazzjoni mal-gradilja tar-referenza u tal-attitudni tad-disinn tagħha, is-sit tal-punti neċessarji biex jiġu studjati l-ħtiġiet tal-viżibilità ' quddiem ikun jista' jiġi deċiż. Metodi tat-test biex jiġu deċiżi dawn il-ħtiġiet jistgħu jinkludu l-użu ta' theodolites, sorsi ta' dwal jew ta' dellijiet, jew xi metodu ieħor li jista' jintwera li jagħti riżultati ekwivalenti.

▼B

Figura 1

Determinazzjoni tal-punti 'V' għall-angolu tad-dahar tas-sedil ta' 25°




(1) Linja li titraċċa l-pjan medjan longitudinali tal-vettura.
(2) Linja li titraċċa l-pjan vertikali li jgħaddi minn ġo R.
(3) Linja li titraċċa l-pjan vertikali li jgħaddi minn ġo V_1 u V_2

a = 68 mm
b = 5 mm
c = 589 mm
d = 665 mm

▼B

Figura 2


Gradilja tridimensjonali ta' referenza



▼B

Figura 3

Spazju għax-xogħol livellati



▼B

ANNESS IV

PROĊEDURA BIEX JIĠU DETERMINATI Ż-ŻONI TAL-VISTA FUQ WINDSCREENSTA' VETTURI TAL-KATEGORIJA M_1 F' RELAZZJONI MAL-PUNTI V

1. POSIZZJONIJIET TAL-PUNTI V

1.1. Il-pożizzjonijiet tal-punti V f'relazzjoni mal-punt R, kif indikat mill-koordinati XYZ minn fuq il-gradilja tar-referenza tri-dimensonali, huma kif murija fit-Tabelli I u II.

1.2. Tabella I tindika l-koordinati ewlenin għal angolu tas-sedil iddisinjat ta' 25º. Id-direzzjoni pożittiva tal-koordinati hija ndikata fil-figura 1 ta' l-Anness III.

TABELLA I

punt V	x	y	Z
V_1	68 mm	— 5 mm	665 mm
V_2	68 mm	— 5 mm	589 mm

1.3. **Korrezzjoni għall-angoli tad-dahar tas-sedili iddisinjati minbarra dawk ta' 25º**

1.3.1. It-Tabella II turi korrezzjonijiet ulterjuri li għandhom isiru fuq il-koordinati X u Z ta' kull punt V meta l-angolu tad-dahar tas-sedil iddisinjat ma jkunx 25º. Id-direzzjoni pożittiva tal-koordinati hija murija fil-figura 1 ta' l-Anness III.

TABELLA II

Angolu tad-dahar tas-sedil (f'º)	Koordinati orizzontali Δ X	Koordinati Vertikali Δ Z	Angolu tad-dahar tas-sedil (f'º)	Koordinati orizzontali Δ X	Koordinati Vertikali Δ Z
5	— 186 mm	28 mm	23	— 18 mm	5 mm
6	— 177 mm	27 mm	24	— 9 mm	3 mm
7	— 167 mm	27 mm	25	0 mm	0 mm
8	— 157 mm	27 mm	26	9 mm	— 3 mm
9	— 147 mm	26 mm	27	17 mm	— 5 mm
10	— 137 mm	25 mm	28	26 mm	— 8 mm
11	— 128 mm	24 mm	29	34 mm	—11 mm
12	— 118 mm	23 mm	30	43 mm	—14 mm
13	— 109 mm	22 mm	31	51 mm	—18 mm
14	— 99 mm	21 mm	32	59 mm	—21 mm
15	— 90 mm	20 mm	33	67 mm	—24 mm
16	— 81 mm	18 mm	34	76 mm	—28 mm
17	— 72 mm	17 mm	35	84 mm	—32 mm
18	— 62 mm	15 mm	36	92 mm	—35 mm
19	— 53 mm	13 mm	37	100 mm	—39 mm

▼B

Angolu tad-dahar tas-sedil (f'°)	Koordinati orizzontali Δ X	Koordinati Vertikali Δ Z	Angolu tad-dahar tas-sedil (f'°)	Koordinati orizzontali Δ X	Koordinati Vertikali Δ Z
20	— 44 mm	11 mm	38	108 mm	—43 mm
21	— 35 mm	9 mm	39	115 mm	—48 mm
22	— 26 mm	7 mm	40	123 mm	—52 mm

2. ŻONI TAL-VISTA

2.1. Żewġ żoni tal-vista għandhom jiġu determinati mill-punti V.

2.2. Iż-żona tal-vista A hija ż-żona fuq is-superfiċi esterna tal-*windscreen* ristretta mis-segwenti erba' pjani ta' wara li jestendu 'l quddiem minn punt V (ara figura 1):

— pjan vertikali li jgħaddi minn V_1 u V_2 f'angolu ta' 13° lejn ix-xellug ta' l-assi X;

— pjan parallel għall-assi Y, li jgħaddi minn ġewwa V_1 u f'angolu'l axxendenti ta' 3° mill-assi X;

— *pjan parallel għall-assi Y, li jgħaddi minn ġewwa V_2 u f'angolu dixxendenti ta' 1° mill-assi X;*

— pjan vertikali li jgħaddi minn V_1 u V_2 f'angolu ta' 20° lejn il-lemin ta' l-assi X.

2.3. Iż-żona tal-vista B hija ż-żona tas-superfiċi esterna tal-*windscreen* illi hija iktar minn 25 mm mix-xifer estern taż-żona trasparernti u hija ristretta bl-intersezzjoni tas-segwenti erba' pjani mas-superfiċi esterna tal-*windscreen* (ara figura 2):

— pjan parallel għall-assi Y, li jgħaddi minn ġewwa V_1 u f'angolu axxendenti ta' 7° mill-assi X;

— pjan parallel għall-assi Y, li jgħaddi minn ġewwa V_2 u f'angolu dixxendenti ta' 5°; mill-assi X;


— pjan vertikali li jgħaddi minn V_1 u V_2 f'angolu ta' 17° lejn ix-xellug ta' l-assi X;

— pjan simmetriku għall-pjan preċedenti f'relazzjoni mal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

▼B

Figura 1

Żona tal-vista A




(1) Linja li titraċċa l-pjan medjan longitudinali tal-vettura.
(2) Linja li titraċċa l-pjan longitudinali li jaqsam lil R.
(3) Linja li titraċċa l-pjan longitudinali li jaqsam lil V_1 u V_2.

▼B

Figura 2

Żona tal-vista B



(1) Linja li titraċċa l-pjan medjan longitudinali tal-vettura.
(2) Linja li titraċċa l-pjan longitudinali li jaqsam lil R.
(3) Linja li titraċċa l-pjan longitudinali li jaqsam lil V_1 u V_2.

▼B

ANNESS V

L-ISPEĊIFIKAZZJONI T AT-TAĦLITA TAT -TEST GĦAT-TEST TAS-SISTEMA TAL-*WIPER*TAL-*WINDSCREEN*U TAS-SISTEMA TAL-*WASHER* TAL-*WINDSCREEN*.

It-taħlita tat-test msemmija f'6.1.9. ta' Anness I għandha tkun tikkonsisti f'li ġej (fil-volum): 92.5 % ilma (b'ebusija ta' anqas minn 205 g/tunnellata wara l-evaporazzjoni), 5 % soluzzjoni ta' melħ maħlul saturat (sodium chloride) u 2.5 % ta' trab kostitwit skond it-Tabelli I u II.

TABELLA I

Analiżi tat-trab tat-test

Kostitwent	% Massa
SiO2	67 sa 69
Fe2O3	3 sa 5
Al2O3	15 sa 17
CaO	2 sa 4
Mg O	0.5 sa 1.5
Alkali	3 sa 5
Telf tat-tqabbid	2 sa 3

TABELLA II

Distribuzzjoni tal-qies tal-partikuli ta' trab ta' grad oħxon

Kobor tal-partikuli (fi μm)	Distribuzzjoni tal-partikuli skond il-kobor (%)
0 sa 5	12 ± 2
5 sa 10	12 ± 3
10 sa 20	14 ± 3
20 sa 40	23 ± 3
40 sa 80	30 ± 3
80 sa 200	9 ± 3

▼**M1**

L-ANNESS VI

Dokument ta' Informazzjoni Nru …skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE li tirrigwarda l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' vettura f'dak li għandhom xjaqsmu tas-sistema tal-*wiper* u *washer* (id-Direttiva tal-Kunsill 78/318/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/68/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinn għandu jingħata fi skala adatta bl-iskala approprjata u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' daqs A4 jew fuq *folder* f'format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponent, jew l-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. It-tip u d-deskrizzjoni (jiet) tal-kummerċ ġenerali:

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura (b):

0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar:

0.4. Kategorija tal-vettura (ċ):

0.5. Isem u indirizz ta' l-manifattur:

0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TA' KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1 Ritratti u/jew disinni ta' vettura rappreżentattiva:

2. MASES U DIMENSJONIJIET (e) (f'kg u mm)

2.6 Massa tal-vettura bil-karozzerija f'kundizzjoni li taħdem, jew massa tax-*chassis* bil-kabina jekk il-manifattur ma' jiffittjax il-karrozzerija (inklużi l-likwidu tat-tkessiħ, żjut, karburanti, għodod, rota *spare* u s-sewwieq) (o) (mass. u min. għal kull verżjoni):

3. IMPJANT TAL-ENERĠIJA (q)

3.2.1.8 Enerġija netta massima (t): … kW fi … min-1

3.2.5 Sistema elettrika

3.2.5.1 Vultaġġ stmat: … V, pos./neg. ground (6)

3.2.5.2 Ġeneratur

3.2.5.2.1 Tip:

3.2.5.2.2 *Output* nominali: … VA

4. TRASMISSJONI(v)

4.7 Velocita' massima tal-vettura u *gear* li bih din tintlaħaq (f' km/h) (w):

9. KARROZZERIJA

9.4.1 Partikolarijiet tal-marki tar-referenza primarja f'dettal suffiċjenti sabiex tippermettilhom ikunu identifikati faċilment u l-pożizzjoni ta' kull waħda f'relazzjoni ma' l-oħrajn u mal-punt R biex jiġi vverifikat:

9.5.1 Windscreen

9.5.1.2 Metodu ta' immuntar:

In-numri tal-punti u tan-noti ta' qiegħ il-paġna wżati f'dan id-dokument ta' l-informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhumiex relevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva thallew barra.

▼**M1**

9.5.1.4	Numru(i) ta' approvazzjoni:
9.6	Wiper(s) tal-windscreen
9.6.1	Deskrizzjoni teknika dettaljata (li tinkludi ritratti jew disinni):
9.7	Washer tal-windscreen
9.7.1.	Deskrizzjoni teknika dettaljata (li tinkludi ritratti jew disinni) jew, jekk approvata bħala unità teknika separata, in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:
9.8	Tneħħija tas-silġ u tneħħija taċ-ċpar
9.8.2	Konsum elettriku massimu: … kW
9.10	Il-muntaġġi nterni
9.10.3	Sedili
9.10.3.5	Ko-ordinati jew disinn tal-punt R(x)
9.10.3.5.1	Sedil tas-sewwieq:
9.10.3.6	Disinn ta' l-angolu ta' wara tas-sedil
9.10.3.6.1	Sedil tas-sewwieq:
9.10.3.7	Medda ta' aġġustament tas-sedil
9.10.3.7.1	Sedil tas-sewwieq:
9.10.5	Sistemi li jsaħħnu għall-kompartiment tal-passiġġier
9.10.5.3	Konsum elettriku massimu: … kW

▼**M1**

L-ANNESS VII

Dokument ta' Informazzjoni Nru …

li jirrigwarda l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE bħala unità teknika separata tas-sistemi tal-*washer* tal-*windscreen* (id-Direttiva tal-Kunsill 78/318/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/68/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinn għandu jingħata fi skala adattas u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' daqs A4 jew fuq *folder* b'format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jkollhomkontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1 Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2 It-tip u d-deskrizzjoni (jiet) kummerċjali ġenerali

0.5 Isem u indirizz ta' l-manifattur:

0.7 Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:.

0.8 Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

1. DESKRIZZJONI TAL-MEZZ

1.1 Deskrizzjoni teknika dettaljata (li tinkludi ritratti jew disinn) li tiddentifika dawk il-komponenti li jistgħu jitwaħħlu fil-kompartiment tal-magna.

1.2 Kwalunkwe restrizzjonijiet dwar l-użu u kondizzjonijiet tat-twaħħil.

▼M1

L-ANNESS VIII

MUDELL

(format massimu: A4 (210 × 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

Komunikazzjoni li tikkonċerna

Timbru ta' l-Amministrazzjoni

— l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) fir-rigward tad-Direttiva 78/38/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/68/KE

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

Sezzjoni I

0.1 Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2 It-tip u d-deskrizzjoni (jiet) kummerċjali ġenerali:

0.3 Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) ([2])

0.3.1 Lok ta' dak l-immarkar:

0.4 Kategorija tal-vettura ([3]):

0.5 Isem u indirizz ta' l-manifattur:

0.7 Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:.

0.8 Isem(ismijiet) u indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

Sezzjoni II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): Ara appendiċi

2. Servizz tekniku risponsabbli mit-twettieq tat-testijiet:

3. Data tar-report tat-test:

4. Numru tar-report tat-test:

5. Rimarki (jekk hemm): Ara appendiċi

6. Post:

7. Data:

8. Firma:

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

([1]) Ħassar fejn ma japplikax

([2]) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

([3]) Kif msemmi fl-Anness II A Direttiva 70/156/ZEE

▼**M1**

Appendiċi

Iċ- ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE Nru ...

li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 78/318/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva ...

1. Informazzjoni addiżżjonali

1.1 Wiper, — numru ta' blades:

1.2 Washer, — metodu ta' ħidma:
— marka ta' l-approvazzjoni tat-tip (fejn japplika):

5. Rimarki:

(eż. valida sew għal vetturi li jinsaqu minn naħa tax-xellug u għal vetturi li jinsaqu minn naħa tal-lemin)

▼M1

L-ANNESS IX

MUDELL

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

Timbru ta' l-Amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna

— l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— l-rtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

tat-tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) fir-rigward tad-Direttiva 78/318/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/68/KEE

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

Sezzjoni I

0.1 Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2 It-tip u d-deskrizzjoni (deskrizzjonijiet) ġenerali tal-kummerċ:

0.3 Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) ([2])

0.3.1 Lok ta' dak l-immarkar:

0.4 Kategorija tal-vettura ([3]):

0.5 Isem u indirizz tal-manifattur:

0.7 Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:.

0.8 Isem(ismijiet) u indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

Sezzjoni II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): Ara Appendiċi
2. Servizz tekniku risponsabbli mit-twettieq tat-testijiet:
3. Data tar-report tat-test:
4. Numru tar-report tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): Ara Appendiċi
6. Post:
7. Data:
8. Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.

([2]) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

([3]) Kif msemmi fl-Anness II A Direttiva 70/156/ZEE

▼**M1**

Appendiċi

għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjon tat-tip tal-KEE Nru ...

li jirrigwardja l-approvazzjoni tat-tip ta' l-unità teknika separata tas-sistemi tal-washer tal-windscreen fir-rigward tad-Direttiva 78/318/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/68/KE)

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1 Kwalunkwe restrizzjonijiet ta' l-użu u kondizzjonijiet ta' twaħħil.

5. Rimarki:.